Nru./No. 20,829
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 7 ta' April, 2022
Thursday, 7th April, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 6797 - 6798
Government Notices ..... *6797 - 6798*

Avviżi tal-Qorti ..... 6798 - 6800
Court Notices ..... *6798 - 6800*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 369

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI
(KAP. 354)

SKONT id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 106 u tas-subartikolu (4) tar-regolament 21 tar-regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), il-Kummissjoni Elettorali qiegħda b'din tgħarraf illi l-kandidati eletti bħala Membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti fl-Elezzjonijiet Każwali li saru nhar il-Ħamis, is-7 ta' April, 2022, huma dawk li isimhom jidher hawn taħt:

Il-Ħames Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit. MP)

Farrugia Omar

Ir-Raba' Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mis-Sur Chris Fearne, MD, FRCS (Ed), MP)

De Giovanni Katya

Id-Disa' Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Michael Falzon LLD, MP)

Buttigieg Rebecca

Is-Seba' Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mis-Sur Silvio Schembri, B.Com (Hons), MA (Econ), MP)

Agius Galea Malcolm Paul

It-Tielet Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Owen Bonnici, BA, LLD, MP)

Abela Raymond

Is-Sitt Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Ian Borg, LLB, Dip. Not. Pub., LLD, MP)

Cutajar Rosianne

GOVERNMENT NOTICES

No. 369

GENERAL ELECTIONS ACT
(CAP. 354)

IN accordance with the provisions of subarticle (2) of article 106 and of subarticle (4) of regulation 21 of the regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act (Cap. 354), the Electoral Commission is hereby giving notice that the candidates elected as Members of the House of Representatives in the Casual Elections held on Thursday, 7th April, 2022, are those whose name is shown hereunder:

Fifth Electoral Division
(to fill the seat vacated by Dr Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit. MP)

Farrugia Omar

Fourth Electoral Division
(to fill the seat vacated by Mr Chris Fearne, MD, FRCS (Ed), MP)

De Giovanni Katya

Ninth Electoral Division
(to fill the seat vacated by Dr Michael Falzon LLD, MP)

Buttigieg Rebecca

Seventh Electoral Division
(to fill the seat vacated by Mr Silvio Schembri, B.Com (Hons), MA (Econ), MP)

Agius Galea Malcolm Paul

Third Electoral Division
(to fill the seat vacated by Dr Owen Bonnici, BA, LLD, MP)

Abela Raymond

Sixth Electoral Division
(to fill the seat vacated by Dr Ian Borg, LLB, Dip. Not. Pub., LLD, MP)

Cutajar Rosianne

Il-Ħdax-il Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Miriam Dalli, LLD, MBA (Exec.), MA (Eur), BA (Hons), MP)

Eleventh Electoral Division
(to fill the seat vacated by Dr Miriam Dalli, LLD, MBA (Exec.), MA (Eur), BA (Hons), MP)

Baldacchino Zarb Romilda

It-Tieni Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mis-Sur Clyde Caruana, B.Com (Hons), MA (Econ), MP)

Second Electoral Division
(to fill the seat vacated by Mr Clyde Caruana, B.Com (Hons), MA (Econ), MP)

Bedingfield Glenn

Id-Disa' Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Clifton Grima, LLB, LLD, MP)

Ninth Electoral Division
(to fill the seat vacated by Dr Clifton Grima, LLB, LLD, MP)

ma kienx hemm aktar nominazzjonijiet ta' kandidati li setgħu jiġu eletti għal dan il-post battal.

no other nominations of candidates were submitted to fill in this ceded seat.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Is-Sur Mario Callus
Dott. Veronique Dalli
Is-Sur Richard Dimech
Dott. Dianne Galea
Is-Sa Melanie Mizzi
Is-Sa Marion Portelli
Is-Sur Salvu Sant
Dott. Victor Scerri
Is-Sur Angelito Sciberras
Is-Sur Joseph Scicluna

Kummissjonarji Elettorali

Mr Mario Callus
Dr Veronique Dalli
Mr Richard Dimech
Dr Dianne Galea
Ms Melanie Mizzi
Ms Marion Portelli
Mr Salvu Sant
Dr Victor Scerri
Mr Angelito Sciberras
Mr Joseph Scicluna

Electoral Commissioners

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-7 ta' April, 2022

7th April, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

588

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-30 ta' Marzu, 2022, u dan wara Rikors b'numru 209/2022, Ordnat:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 30th March, 2022, and upon an application numbered 209/2022, Ordered:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Jacinto Barrientos fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, u dan wara li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha tal-Artiklu 244 tal-Kodiċi Ċivili u wara li tiġi provvduta konferma bil-miktub taċ-Ċittadinanza Maltija ta' Jacinto Barrientos maħruġ mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza, jeffetwa l-annotazzjoni billi jkun jidher li t-tieni isem ta'

That when the Director of the Public Registry comes to register the Act of Birth of Jacinto Barrientos in the Malta Public Registry, after all the requirements of Article 244 of the Civil Code have been met and after providing written confirmation of the Maltese Citizenship of Jacinto Barrientos issued by the Department of Citizenship, affects the annotation where it appears that Jacinto Barrientos' middle

Jacinto Barrientos minflok 'Puentevella' ikun 'Jacinto' u għalhekk hi tkun magħrufa bl-isem 'Regina Stella' u bit-tieni isem 'Jacinto' kif ukoll li dan jiġi rifless fl-Att taż-Żwieġ esteru ta' Jacinto Barrientos, meta dan jiġi biex ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, wara li dan ukoll ikun issodisfa r-rekwżiti tal-Artiklu 244 tal-Kodiċi Ċivili.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, it-Tlieta, 5 ta' April, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

name instead of 'Puentevella' is 'Jacinto' and therefore she is known as 'Regina Stella' and the second name is 'Jacinto' as well as this is reflected in the Foreign Act of Marriage of Jacinto Barrientos, when it comes to being registered in the Malta Public Registry, when the requirements of Article 244 of the Civil Code are fulfilled.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 5th April, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

589

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-30 ta' Marzu, 2022, u dan wara Rikors b'numru 226/2022, Ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjoni billi fil-kolonna relattiva tal-Att ta' Twelid ta' bint Rachel Ann Ramento Rodriguez li jġib in-numru 1091/2022, u ċjoè dik intestatata 'particulars of the parent (2), name and surname', wara l-kliem 'at birth' tiġi mħassra l-kelma 'Ramento' u minflok tidħol il-kelma 'Rodriguez'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, it-Tlieta, 5 ta' April, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 30th March, 2022, and upon an application numbered 226/2022, Ordered:

The Director of the Public Registry in order to affect the correction in the Act of Birth of the daughter of Rachel Ann Ramento Rodriguez bearing the number 1091/2022, whereby in the column entitled 'particulars of the parent (2), Name and surname', after the words 'at birth' the word 'Ramento' is deleted and substituted by the word 'Rodriguez'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 5th April, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

590

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fl-10 ta' Jannar, 2022, Rikors fl-ismijiet Ruth Farrugia vs Joseph Farrugia, Rikors numru 255/21 AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Farrugia, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Ruth Farrugia (KI 438467M) vs Joseph Farrugia (KI 186467M) fil-25 ta' Ottubru, 2021, ir-rikorrenti Ruth Farrugia talbet lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minħabba ħtija unikament tal-konvenut u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

By means of a decree given, by the Civil Court (Family Section)on the 10th January, 2022, Application in the names Ruth Farrugia vs Joseph Farrugia, Application number 255/21 AGV, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Joseph Farrugia, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, filed, Civil Court (Family Section) in the names Ruth Farrugia (ID 438467M) vs Joseph Farrugia (ID 186467M) on the 25th October, 2021, the applicant Ruth Farrugia asked this Honourable Court,

1. To pronounce the personal separation between the contending parties due to the fault soley of the defendant and uphold the other demands in the application.

Ir-Rikors fl-ismijiet Ruth Farrugia vs Joseph Farrugia, Rikors numru 255/21 AGV, jinsab differit għas-smigħ għall-21 ta' April, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Ilwien, 35, Triq Wied Anġlu, Birguma, In-Naxxar

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 6 ta' April, 2022

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Application in the names Ruth Farrugia vs Joseph Farrugia, Application number 255/21 AGV, has been deferred for hearing to the 21st April, 2022, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Ilwien, 35, Triq Wied Anġlu, Birguma, Naxxar

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 6th April, 2022

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

591

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-3 ta' April, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 624/2022, fl-ismijiet Aġenzija Malta Food vs Tyrone Cutajar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Tyrone Cutajar, a tenur tal-Artikolu 891 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 17 ta' Marzu, 2022

Lil Tyrone Cutajar (KI 73691M) ta' 62, Graman, Triq Melita, Raħal Ġdid

Permezz tal-preżenti l-Aġenzija Malta Food, qua regolatur tal-Pixkerija, tagħmel riferenza għall-ħlas dovut lilha minn bejgħ li inti għamilt ġewwa l-pixkerija, fl-ammont ta' €4225.11.

Taf tajjeb li inti ġejt interpellat diversi drabi, mill-istanti Aġenzija (qabel mid-Dipartiment tas-Sajd), sabiex tavversa dan il-ħlas però ddeċidejt li tibqa' inadempjenti.

Illi għalhekk qiegħed tiġi msejjaħ għall-aħħar darba sabiex tissalda din is-somma li hija dovuta lill-mittenti, u dan fi żmien ta' mhux aktar minn sebat (7) ijiem min-notifika lilek ta' dan l-att ġudizzjarju.

Fin-nuqqas li twettaq dan il-mittenti sejra tipproċedi kontrik fil-Qorti, inkluż ukoll billi tistitwixxi mandati ta' sekwestri kontrik.

Dan l-att ġudizzjarju għandu jiswa wkoll sabiex jikser kwalsijasi żmien tal-preskrizzjoni.

Tant sabiex tagħraf iġġib ruħek kif imiss u skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 7 ta' April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Courts of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 3rd April, 2022, in the records of the judicial letter number 624/2022, in the names Malta Food Agency vs Tyrone Cutajar, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Tyrone Cutajar, in terms of Article 891 (1) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 17th March, 2022

To Tyrone Cutajar (KI 73691M) ta' 62, Graman, Triq Melita, Raħal Ġdid

By means of this judicial letter, Malta Food Agency, in its capacity as regulator of the Fish Market, makes reference to the payment due to it, from a sale you made at the fish market in the amount of €4225.11.

You are aware that you were solicited several times, by the Agency (formerly Department of Fisheries) to make this payment, but you remained in default.

Thus you are being solicited for the last time to make the payment due to the interpellant and this within not later than seven (7) days from the notification of this judicial act to you.

In default the interpellant will proceed against you at Court, including through the issuance of garnishee orders against you.

This judicial act is to also serve the purpose of interrupting any prescription period.

So much so you will regulate yourself according to law.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 7th April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603